# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 7.3

## Kap 7: Jiddispjaċini

## Lezzjoni 7.3: Dawn jgħallmuni

## L-Għanijiet



**L-istudenti:**

1. Jiddiskutu permezz ta' eżempji jew stejjer konkreti, jagħrfu xi tfisser li tgħid 'iva' minn qalbek.
2. Jitgħallmu kif meta ngħidu 'iva', din tfisser imġiba tajba.
3. Jieħdu attitudni li meta jgħidu 'iva' għandhom jagħmlu skont ma jwiegħdu.

## Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:

- Preżentazzjoni 1 li turi stampi ta' gruppi ferħanin u funzjonali;
- Preżentazzjoni 2- L-istorja tal-ġuvni li mar għall-kariga ta' Kappillan.
- Flexxkards għal chart bħala tmiem tal-lezzjoni.
- Diska bħala għeluq: Making Promises no matter what: https://www.youtube.com/watch?v=ubytc_H8nz0



## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

4. Introduċi l-lezzjoni billi turi sensiela ta' stampi lit-tfal li juru sitwazzjonijiet ta' ubbidjenza u sens ta' merħba u mħabba bejn il-gruppi differenti. Hawn irreferi għall-powerpoint tal-introduzzjoni - Powerpoint 1.
5. Minn dawn l-istampi it-tfal ser jieħdu l-messaġġ ta' gruppi u relazzjonijiet differenti fejn jidher li huma funzjonali u li n-nies jidhru kuntenti b'xulxin.
6. Dawn l-istampi jridu jsawru idea ċara tal-importanza tal-onestà u l-ġenwinità li għandu jkun hemm fi grupp.



7. Staqsi il-mistoqsijiet:
    - Kif jidhru n-nies fl-istampa? Kuntenti jew imdejqin?
    - Taħsbeb li dawn huma egoisti bejniethom jew jaħsbu f'xulxin?
    - Taħsbu li jżommu kelmithom ma' xulxin u li jwiegħdu dak li jwettqu ma' sħabhom?
    - Intom tridu li tkunu dawn it-tip ta' ħbieb jew tridu li ma tkunux ħbieb sinċieri għal dawk ta' madwarkom?

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Kompli l-lezzjoni billi tispjega lit-tfal li f'ħajjitna ser niltaqgħu ma' bosta nies differenti li rridu nuruhom li aħna kapaċi nżommu kelmitna.
2. Urihom li b'hekk, ikollna relazzjonijiet u ħbiberiji sbieħ u nkunu kapaċi nwettqu dak li nwiegħdu filwaqt li nħossuna sodisfatti għax inkunu ħadna attitudni pożittiva.



3. Kompli l-lezzjoni bi storja ċkejkna li turi l-idea ta' persuni li qalu 'iva' bil-qalb, mingħajr tgergir u li żammew kelmithom.
4. Hawnhekk uri l-istorja tal-ġuvni li applika għall-post ta' kappillan. (Powerpoint 2)
5. Kompli l-lezzjoni billi tistaqsi xi ftit mistoqsijiet:
    a. X'għamel il-ġuvnott meta l-Isqof qallu biex imur fis-sitta? Gerger? Xtaq jibqa' rieqed? Ma marx?
    b. Meta qagħad jistenna x'għamel? Issupervja?
    c. Baqa' jistennieh jew telaq?
    d. Kieku aħna x'konna nagħmlu? Konna nibqgħu nistennew?
    e. Jekk nagħtu l-kelma lil xi ħadd li se nkunu hemm, nibqgħu hemm jew nitilqu?
    f. Talli obda u stenna, ġie ppremjat?
    g. Naħsbu ftit f'dak li nagħmlu aħna. Ara xi jgħisu t-tfal.
6. Agħlaq il-lezzjoni billi tmur **Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Inkunu kapaċi nagħmlu dejjem dak li nwiegħdu.
2. Meta ngħidu 'iva', ngħiduha bil-qalb għax ħaddieħor ikun qed jiddependi fuqna.
3. Naraw dak li hu tajjeb u dak li hu inqas tajjeb biex ma nweġġgħu lil ħadd. Dan ifisser imġiba tajba.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal jieħdu a*ttitudni li jgħidu 'iva' bil-qalb:*

- Jieħdu attitudni li 'iva' meta jagħmlu dak li għandhom jagħmlu mingħajr ebda tgergir.
- Jiżviluppaw karattru ta' paċenzja, imħabba u onestà man-nies ta' madwarhom.
- Jieħdu attitudni pożittiva sabiex jifformaw relazzjonijiet ta' ħbiberija umli mingħajr ma nweġġgħu lil xulxin.




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

1. FL-aħħar ta' din il-lezzjoni, it-tfal ser ikollhom ċans jibnu chart li turi dak li jkunu ddiskutewa f'dawn l-aħħar tliet lezzjonijiet.
8. It-tfal ser jingħataw sensiela ta' *statements* pożittivi jew negattivi u jridu jikklassifikawhom fuq iċ-*chart.*
9. Permezz ta' din iċ-*chart* it-tfal ser ikollhom ċans jieħdu idea tal-attitudni pożittiva kontra dik negattiva biex b'hekk jiġbru dak kollu li tkellimna fuqu f'dawn l-aħħar tliet lezzjonijiet.
10. FL-aħħar it-tfal jisimgħu d-diska: *Keeping Promises no matter what*: https://www.youtube.com/watch?v=ubytc_H8nz0



**Nitolbu**

Nitolbuk, Mulej, biex dejjem inkunu kapaċi nżommu kelmitna ma' ta' madwarna.

Għinni sabiex inkunu ħbieb ġenwini, eżemplari u sinċieri biex fil-ħbiberiji tagħna nkunu ta' rwol importanti li ngħaqqdu lil xulxin.

Ammen.

